2023/2110

11.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2110

tal-10 ta' Ottubru 2023

li jiffissa l-volumi tal-iskattar għas-snin 2024 u 2025 għall-finijiet tal-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 183, l-ewwel paragrafu, il-punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ([2]) jipprevedi li dazju tal-importazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jista' jiġi applikat għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Dak id-dazju tal-importazzjoni addizzjonali għandu japplika jekk il-kwantità ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni libera għal kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti f'dak l-Anness jaqbeż il-volum tal-iskattar tal-importazzjonijiet f'sena għal dak il-prodott. Dazji tal-importazzjoni addizzjonali jistgħu ma jiġux imposti fil-każ li l-importazzjonijiet ma jkunux mistennija jfixklu s-suq tal-Unjoni, jew fil-każ li l-effetti jkunu sproporzjonati għall-objettiv maħsub.

(2) F'konformità mal-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-volumi tal-iskattar tal-importazzjonijiet għall-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex, huma ugwali għal 125 % tal-importazzjonijiet medji ta' kull prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' applikazzjoni għat-tliet snin preċedenti peress li l-konsum domestiku ma jitqiesx. Abbażi tad-*data* nnotifikata mill-Istati Membri għas-snin 2020, 2021 u 2022, jenħtieġ li għas-snin 2024 u 2025, jiġu ffissati l-volumi tal-iskattar għal ċertu frott u ħxejjex.

(3) Filwaqt li jitqies li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali possibbli, kif stipulat fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, jibda għal għadd ta' prodotti fl-1 ta' Jannar, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-snin 2024 u 2025, il-volumi tal-iskattar imsemmija fl-Artikolu 182(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-prodotti elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2025.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Volumi tal-iskattar għall-prodotti u l-perjodi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, għall-applikazzjoni possibbli ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li għandha valur indikattiv biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni addizzjonali jiġi ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM kif jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni		Volum tal-iskattar (f'tunnellati)
			2024	2025	
78.0020	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		124 289
78.0015			Mill-1 ta' Ottubru	sal-31 ta' Mejju	759 132
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru		64 642
78.0075			Mill-1 ta' Novembru	sat-30 ta' April	45 397
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru	sat-30 ta' Ġunju	12 530
78.0100	0709 93 10	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru		81 305
78.0110	0805 10 22 0805 10 24 0805 10 28	Larinġ	Mill-1 ta' Diċembru	sal-31 ta' Mejju	344 504
78.0120	0805 22 00	Klementini	Mill-1 ta' Novembru	sal-aħħar ta' Frar	78 923
78.0130	0805 21 0805 29 00	Mandolin (inkluż tanġerini u satsumas); wilkings u ibridi taċ-ċitru simili	Mill-1 ta' Novembru	sal-aħħar ta' Frar	145 753
78.0160	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju		76 314
78.0155			Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru		450 097
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mis-16 ta' Lulju sas-16 ta' Novembru		76 998
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu		307 056
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru		56 641

78.0220	0808 30 90	Langas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April		137 843
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru		28 214
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju		12 566
78.0265	0809 29 00	Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa	Mis-16 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu		41 293
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk	Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		25 440
78.0280	0809 40 05	Għajnbaqar	Mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru		53 929